KUNSILL LOKALI

LOCAL COUNCIL

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

`

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 77/2017

**14 ta' Dicembru, 2017**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fis-6:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Antonia Perini - Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi - Kunsillier

### SKUZATA:

Noyah Spiteri – Kunsilliera

### ASSENTI:

Ivan Agius – Vici-Sindku

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 77.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

77.1.1 Is-Sindku qrat komunikazzjoni li kien intbaghatilha mill-Kunsilliera Noyah Spiteri u li permezz taghha kienet infurmatha illi minhabba ragunijiet ta' studju ma kenitx ser tkun tista' tattendi tattendi ghas-seduta.

77.1.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mill-Kunsilliera Antonia Perini u li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost il-Kunsilliera prezenti, il-Kunsill Lokali ddecieda li jiggustifika l-assenza tas-Sa. Noyah Spiteri.

### 77.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

77.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 76 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

77.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

77.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 77.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

77.3.1 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali kien gie kkritikat minhabba s-sitwazzjoni ta' periklu li kien hemm fi grawnds Peppi Delceppo. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi sabiex il-Kunsill Lokali jiccara l-pozizzjoni tieghu kienet ser tkun qieghda tinhareg stqarrija ghall-istampa u ghaddiet sabiex tispjega l-kontenut tal-istess stqarrija ghall-istampa.

77.3.2 Is-Sindku infurmat lil dawk prezenti illi l-Kunsill Lokali kien ircieva kritika rigward permessi li kienu inhargu b'konnessjoni mal-festa tal-lokalita'. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi fir-rigward kienet ser tkun qieghda tintalab laqgha mal-kordinaturi tal-festa bil-ghan illi tigi ccarata l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali.

### 77.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

77.4.1 Ma kienx hemm.

### 77.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

77.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru12/17) ghall-approvazzjoni.

77.5.2 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

77.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Novembru 2017 ghall-approvazzjoni.

77.5.4 Fuq proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinstab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 77.6 Sejhiet ghall-Offerti

77.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien jinhtieg illi jinhatru evalwaturi ghal sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal servizzi ta' perit. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-evalwaturi kellhom ikunu s-sinjuri Antonia Perini, Pablo Cachia Belli u James Cauchi.

77.6.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill evaluation report li kien gie mhejji b'konnessjoni ma' sejha ghall-kwotazzjonijiet numru CFQ02/2017 (rental, installation and dismantling of Decorative Lights in Cospicua). Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess rapport kien qieghed jirrakkomanda illi s-sejha ghall-kwotazzjonijiet tigi aggudikata lis-Sur Clinton Debono. Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sa. Antonia Perini il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi tigi milqugha r-rakkomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni.

77.6.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill *evaluation report* li kien gie mhejji b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti numru KLBO02/2017 ( Supply of low emission vehicle). Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-bord ta' evalwazzjoni kien stabilixxa illi s-sejha ghall-offerti tigi aggudikata lil Burmarrad Commercials Ltd li kienet issottomettiet l-unika offerta. Fir-rigward is-Sindku sahqet illi l-offerta ta' Burmarrad Commercials Ltd. kienet finanzjarjament oghla mill-estimi li kien hejja l-Kunsill Lokali. Ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kien ghamel ricerka sabiex jistablixxi l-prezz tas-suq u kien irrizulta li l-prezz ikkwotat (ghall-vettura specifika) kien wiehed ragjonevoli. Fl-istess waqt, wara li kienet iddiskutiet l-aspett finanzjarju mas-Segretarju Ezekuttiv, kien irrizulta illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali jiddeciedi li jidhol ghall-ispiza relattiva, l-impatt fuq il-finanzi tal-Kunsill Lokali kien ser ikun wiehed minimu.

77.6.4 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-sejha ghall-offerti

kellha tigi aggudikata lill-kumpanija Burmarrad Commercials Ltd. Kien hemm qbil illi l-Kunsill ma kellux ihallas l-ammont kollu max-xiri tal-vettura izda jaghti lil Burmarrad Commercials Ltd. depozitu, bil-kumplament tal-ammont dovut jithallas f'pagamenti mensili.

## 77.7 Rapport Amministrattiv 2016

77.7.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz ta' rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena 2016 hekk kif emendat.

77.7.2 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mill-Kunsillier James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva d-dokument hekk kif imressaq.

## 77.8 Performance Appraisals tal-impjegati

77.8.1 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Sur Brian Loffreda. Is. Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Loffreda mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda tirrakkomanda illi s-Sur Loffreda jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur Loffreda jinghata 6% bhala *performance bonus*.

77.8.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal reports* ghas-Sur Lydon Vella. Is. Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Vella mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda tirrakkomanda illi s-Sur Vella jinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur James Cauchi ssekondat mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sur Loffreda jinghata 6% bhala *performance bonus*.

77.8.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Sa. Ramona Falzon Gatt. Is. Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sa. Falzon Gatt mas-Segretarju Ezekuttiv, kienet qieghda tirrakkomanda illi s-Sa. Falzon Gatt tinghata l-massimu ta' 6% bhala *performance bonus*.
Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi s-Sa. Falzon Gatt tinghata 6% bhala *performance bonus*.

## 77.9 Akkumular ta' Vacation Leave tal-Impjegati

77.9.1 Il-Kunsill ġie preżentat b'lista tal-*vacation leave* tal-impjegati li ma tteħidx fis-sena 2017 biex jiġi akkumulat għas-sena 2018, liema lista tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok C). Il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi l-*vacation leave* ghandu jigi akkumulat ma' dak tal-2018

## 77.10 Milied 2017 - Aggornament

77.10.1 Is-Sindku aggornat lill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru b'konnessjoni ma' festin li kien ser ikun qieghed jittella' nhar is-27 ta' Dicembru 2017 ghal tfal ta' bejn il-5 u l-10 snin.

77.10.2 Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali gie infurmat b'diffikultajiet logistici li kienu nqalghu b'konnessjoni ma' harga li kien qieghed jippjana li jtella' l-Kunsill Lokali f'Dicembru 2017, kien hemm decizjoni illi l-istess attivita' kellha temporanjament tigi kkancellata.

77.10.3 Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellha ssir ikla ghall-kunsilliera, amministrazzjoni u haddiema tal-Kunsill Lokali. L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tiehu hsieb tikseb kwotazzjonijiet flimkien ma' *menus* li kellhom jigu diskussi fis-seduta segwenti.

## 77.11 Mozzjonijiet

77.11.1 Mozzjoni numru 16/2017

Nipproponi li l-Kunsill Lokali jigbor informazzjoni dwar postijiet ta' interess storiku f'Bormla bil-ghan li tigi stampata mappa turistika li tkun tista' titqassam lit-turisti li jzuru Bormla. Nipproponi wkoll li informazzjoni dwar dawn il-postijiet tkun esebita fuq tabelli fuq il-post biex it-turisti, jkunu nfurmati dwar l-istorja ta' dawn l-istess postijiet ta' nteress

Mozzjoni : Antonia Perini
Sekondant : James Cauchi

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 77.12 Rapporti

77.12.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghal talba li kienet tressqet minn residenta fi Triq San Rokku, liema resident tablet awtorizzazzjoni lill-Kunsill Lokali sabiex taghmel xogholijiet fuq zewg targiet li kien hemm fl-istess triq
- Ma kellha tinsab ebda oggezzjoni ghat-talba tas-Sur Joe Abdilla sabiex issir zebgha safra quddiem banka tal-lottu li kien hemm fi Pjazza Gavino Gulia. Ix-xoghol mitlub kien konformi mal-parametri legali stabbiliti fir-rigward.
- Kellha tigi acccettata talba minghand l-iskola St. Francis sabiex jithawlu sigar fil-lokalita' bhala parti mill-progett LEAF. Gie deciz illi s-sigar kellhom jigu mhawwla fi Gnien il-Kottoner.
- Kellha tigi milqugha proposta mressqa mill-Kunsill Nazzjonali tal-ktieb sabiex tittella' attivita' fil-lokalita'.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jaghmel kuntatt mas-Sur Mario Vassallo bil-ghan illi jsir restawr ta' monument li kien hemm biswit il-knisja parrokkjali.
- Ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li saret mis-sur Brian Joseph Cremona sabiex isirulu linji sofor quddiem garaxx biswit residenza numru 14/15, Triq il-Mithna, Bormla.
- Wara li nqrat korrispondenza mibghuta mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali, kien hemm qbil illi qabel ihallas multa dovuta' lill-Awtorita' tas-Sahha u Sigurta' fuq il-post tax-xoghol, il-Kunsill Lokali kellu jevalwa l-possibiltajiet.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jixtri s-software Sage 50 Accounts. Dan wara li l-istess Kunsill Lokali gie infurmat illi Sage Pastel, li kien is-*software* li kien qieghed juza l-kunsill Lokali ma kienx ser jibqa' jigi *supported*. L-istima li kienet ingabret minghand ICT Solutions ghas-software il-gdid kienet tammonta ghal €1121 ( Vat Inkluz)

**77.13 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

77.13.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fid-8:00p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 18 ta' Jannar 2017 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Jannar, 2018

*IFFIRMATA* *IFFIRMATA*

**Alison Zerafa Civelli** — Sindku

**Duncan Hall** — Segretarju Eżekuttiv